MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Numru. 648/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**ANTHONY SEISUN**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Seisun, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 412870 (M).

**Akkuzat talli:**

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

Talli bejn il-15 ta` Frar 2013 u l-21 ta` Frar 2013 gewwa garage (Basement) gewwa Denoto, Triq il-Habb il-Qamh, Hal Ghaxaq u f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta` diversi oggetti ghal deteriment ta` Adrian Agius u/jew persuni ohra liema serq hu ggravat bil-hin, mezz u valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Talli ukoll fil-lejl ta` bejn l-20 u l-21 ta` Frar 2013, gewwa garage (Basement) gewwa Triq Dun Guzepp Calleja, Hal Tarxien u f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta` diversi oggetti liema serq huwa ggravat bil-hin, mezz u valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq sar ghal detriment ta` Joseph Previ u/jew persuni ohra;

Talli ukoll fix-xahar ta` Frar 2013 u/jew xhur qabel ikkommetta serq minn gewwa garage (Basement) gewwa Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal Tarxien, liema serq hu ggravat bil-hin, mezz u valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

Talli nhar l-10 ta` Lulju 2013 ghal habta tan-nofs siegha ta` filghodu (00:30hrs) gewwa Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta` petrol minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAW701 tal-ghamla Honda CRX liema serq huwa ggravat bil-hin, mezz u oggett tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-deteriment ta` Maria Elena Pawley u/jew persuni ohra;

U aktar talli fix-xahar ta` Lulju 2013 u xhur qabel, gewwa 61, Triq is-Sorijiet, Paola u f'dawn il-gzejjer xjentement

laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxieh liema oggetti jeccedu l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37);

Akkuzat ukoll talli nhar l-10 ta` Lulju 2013 ghal habta tan-nofs siegha ta` filghodu (00:30hrs) u granet qabel saq vettura tal-ghamla Honda CRX bin-numru tar-registrazzjoni CRX825 minghajr ma kellha licenzja biex tkun tista` tinstaq fit-triq u minghajr ma` kienet koperta b'polz tal-assikurazzjoni;

Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-4 ta` Gunju 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

B'hekk irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li huwa diga gie misjub hati permezz ta` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta` htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat Anthony Seisun, ihallas l-ispejjez li ghandhom x-jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra l-piena skont il-Ligi tordna il-konfiska tal-*corpus delicti*, f'dan il-kaz il-vettura Honda CRX bin-numru tar-registrazzjoni CRX825 li serviet jew li kien mahsub li serviet sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba mill-Prosekuzzjoni li minbarra l-piena skont il-ligi tinghata sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta` Anthony Seisun ghal zmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 23, 28B, 49, 50, 26 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271 (g), 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikolu 3 (1) (1a) (2) (2a) (2b) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawzaspecjalment l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih, kif ukoll ghal koperazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet Investigattivi, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

F'dan l-istadju l-Qorti qedgha tordna li l-vettura Honda CRX bin-numru tar-registrazzjoni CRX825 tigi moghtija lura lill-imputat, waqt li b'referenza ghall-akkuza tas-sewqan minghajr koperta ta assikurazzjoni, il-piena taghha din qed tigi asorbita fil-piena lli ser tigi moghtija ghar-reati l-ohra.

Wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-serjeta tar-reati, kif ukoll is-sensiela taghhom u wara li wkoll hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat minn jeddu waqaf kompletament mill-vizzju tad-droga li hija haga ta` min

jinkoraggieh, din il-Qorti mhux se tinfliggi piena karcerarja esekuttiva fit-total ta` dak li huwa dovut u qed tippreviggi terminu ta` erba` (4) snin prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien taht arrest.

In oltre din l-Qorti qed tissospendieh mill-licenzja tas-sewqan fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex, sapendo li d-droga tista` xi drabi tinsab fl-evidicju tal-Facilita` Korrettiva, izomm ghajnejh fuq l-imputat li ma jkunx espost ghal da nil-periklu u qed tordna Komunika ta` dan il-verbal lill-istess Direttur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------